**10 ta' April, 1946.**

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Neg. Joseph La Rosa *versus* Emmanuele Farrugia (*)**

**Appell — Introduzzjoni ta' l-Atti — Nullità — Sentenza tal-Qorti ta' Għawdex — Art. 242, 243 u 245 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-introduzzjoni ta' l-atti għall-appell għandha ssir fl-istess ġurnata meta tiġi preżentata l-petizzjoni jew ċitazzjoni ta' l-appell.*

*Dina l-introduzzjoni ssir mir-Reġistratur fuq talba verbali ta' l-appellant jew ta' l-appellat fir-reġistru fejn ikunu l-attijiet. Imma meta l-appell ikun minn sentenza tal-Qorti ta' Għawdex, it-talba tista' ssir lir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri; dana mbagħad jikkomunika dik it-talba lir-reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex; u dana jibgħat bla dewmien l-attijiet lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.*

*Il-ħlas tad-dritt stabbilit għall-introduzzjoni jippreżumi t-talba għal dik l-introduzzjoni; imma dak il-ħlas għandu jsir fiż-żmien preskritt mill-liġi, inkella ikunu nulli tant il-ħlas li jkun sar kemm kull talba li tkun saret, għar ma jkunux saru fl-istess ġurnata tal-preżentata tal-petizzjoni jew ċitazzjoni.*

*Imma jekk dawn ir-regoli ma jiġux osservati, u l-introduzzjoni intant, tajjeb jew ħażin, issir, ma hemmx nullità ta' l-appell; basta t-talba tkun saret fl-istess jum tal-preżentata tal-petizzjoni jew ċitazzjoni.*

*Fil-każ preżenti ma sarx il-ħlas tad-dritt meta saret it-talba għall-introduzzjoni; imma peress illi dik it-talba kienet saret f'waqtha, ġie mogħti żmien lill-appellant biex iħallas id-dritt preskritt, u l-appell baqa' sħiħ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri tagħha bħala Qorti tal-Kummerċ, fejn ippremetta li l-konvenut kien akkwista minn għand persuni li verosimilment

(*) Ara sentenza sussegwenti mogħtija f'din il-kawża. Appell Kummerċjali, tat-3 ta' Ġunju 1946 (publikata).

ma kienux il-proprjetarju u, taħt ċirkustanzi li jpoġġuh "in mala fede", 150 pezza tila ta' 45 jarda l-waħda, bil-prezz ta' 2s. 6d. il-jarda, b'kollox £787, merċa li kienet insterqet lill-istess attur, u ddisponu minn dik il-merċa bi profitt, u għalhekk huwa soldarjament responsabili ma' l-awturi tas-serq biex iħallas id-danni konsistenti fit-telf tal-valur tal-merkanzija u tal-qligħ li seta' kien hemm; u għalhekk talab (1) li jiġi dikjarat li l-konvenut kien "in mala fede"; (2) illi huwa jiġi kundannat iħallas lilu s-somma fuq indikata ta' £787, bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja tal-merċi f'idejh; (3) u kwalunkwe ammont ieħor ta' danni li jirriżulta li l-attur ikun sofra bħala konsegwenza ta' dak il-fatt, u dan bħala riżarċiment tad-danni konsistenti fil-valur tal-merkanzija, imgħax u danni oħra; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tad-9 ta' Marzu 1944, fejn iddikjarat dik il-Qorti kompetenti u rriżervat l-ispejjeż;

Rat is-sentenza l-oħra ta' l-istess Qorti tas-16 ta' Ottubru 1945, fejn ġie deċiż billi ċaħdet l-ewwel talba ta' l-attur u ddikjarat li l-konvenut ma kienx "in mala fede" meta akkwista l-pezez tax-xarten minn għand Mosè Galea u Ġorġ Agius, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, dritt tar-reġistru bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi merkanzija naqset mill-garage ta' l-attur fl-ammont ta' 150 pezza xarten, u wara li rrapporta lill-Pulizija rnexxielu jidentifika dina l-merkanzija; illi rriżulta li l-konvenut kien akkwista dina l-merkanzija minn għand żewġ pulizjotti, Mosè Galea u Ġorġ Agius, li għamlu l-operazzjoni għan-nom ta' persuna rifuġjata li kienet tmur Malta; illi Galea u Agius ġew sottoposti għal istruzzjoni kriminali, però kien hemm "nolle prosequi" mill-Avukat tal-Kuruna; illi l-kwistjoni kollha qiegħda jekk il-konvenut kienx "in buona fede" fil-mument ta' l-akkwist skond l-art. 253 ta' l-Ord. VII ta' l-1868;

Illi skond l-attur il-"mala fede" tirriżulta :— (1) illi l-konvenut ma setax jakkwista din il-merkanzija mingħajr permess; (2) ix-xiri sar minn għand membri tal-pulizija mingħajr konoxxenza tal-venditur; (3) il-pezez ġew lilu kunsinnati fid-

dlam fil-post fejn kien iżomm il-bhejjem, fi xkejjer imqattgħin u maħmuġin; (4) quddiem il-Pulizija ċaħad li qatt kellu negozju fuq xarten, u ammetta li kien akkwista minn Galea u Agius wara li kien detenut tlitt ijiem; (5) fil-kawża baqa' passiv sakemm ġew preżentati l-osservazzjonijiet tad-19 ta' April 1945; (6) il-prezz indikat mhux reali, għaliex kien hemm nuqqas ta' pezza li kien joqtol il-qliegħ;

Illi l-konvenut mill-ġenb l-ieħor isostni li kien "in buona fede"; illi huwa ma kkonformax ruħu mall-liġi ta' l-emerġenza mhux għax iddubita fuq il-persuni tal-venditur, imma minħabba l-istess liġi, xtara bil-prezz tal-Gvern u biegħ pubblikament; jekk kien dalam fil-mument tal-konsenja u fil-post fejn iżomm l-annimali, il-vendituri kienu qabel marru jfittxuh fil-ħanut u fid-dawl, l-ixkejjer ma kienux la maħmuġin u lanqas imqattgħin, u l-merkanzija kienet imgerba fil-marka tal-fabbrika; meta l-Pulizija qaltlu illi l-merkanzija kienet misruqa huwa svela l-ismijiet tal-vendituri; baqa' passiv fil-kawża għax l-attur ma kienx ipprova l-mala fede u ġieb bħala xhud lix-xerrejja; Galea u Agius deħru bħala intermedjarji u l-prezz kien adegwat; in kwantu għall-pezza nieqsa baqa' jinsisti għaliha sakemm kien jaf bis-serq; illi s-serq sar fil-Belt Vittoria, fejn għandu ħanut il-konvenut, u ma kienx magħruf ħlief f'Settembru 1943; illi anki Galea u Agius trabbew il-Vittoria, u kienu membri tal-Pulizija ta' l-istess Belt, huma ppreżentaw ruħhom bħala intermedjarji ta' malti rifuġjat, u dik il-ħabta kien hemm ħafna rifuġjati; illi huwa ried iħallas skond il-prezz tal-Gvern u għalhekk ħadhom għand Scicluna li kellu l-lista, u wara l-akkwist esponew il-merkanzija fil-ħanut fuq siġġu quddiem il-bieb tal-ħanut, u kien ipoġġi pezez sħaħ bil-karta tal-fabbrika; illi l-fatt tal-bejgħ minn għand dawk iż-żewġ pulizija ma kienx fatt moħbi għax kien jafu anki Scicluna li gerger; illi għalhekk il-konvenut seta' ma kienx kawtelat biżżejjed, imma ma kienx in mala fede;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik s-sentenza tiġi riformata billi tiġi revokata fil-kap rigwardanti l-meritu, billi jiġi dikjarat illi l-konvenut kien in mala fede meta akkwista l-pezez in kwistjoni, u tiġi

revokata fejn akkollat lill-appellant l-ispejjeż tiegħu u nofs id-dritt tar-reġistru, u konfermata fil-kumplament u għalhekk l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut;

*Omissis;*

Rat l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellat, tan-nullità ta' l-introduzzjoni ta' l-atti f'din il-Qorti;

*Omissis;*

*Tikkunsidra;*

Illi skond l-art. 242 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dak in-nhar stess li tiġi preżentata l-petizzjoni jew iċ-ċitazzjoni skond l-art. 141 u 172, l-attijiet tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad għandhom jiġu mdaħħla fil-Qorti fi grad ta' Appell. L-artikolu ta' wara, 243, jgħid illi l-introduzzjoni ssir mir-Reġistratur b'talba bil-fomm, magħmula mill-appellant jew mill-appellat, fir-Reġistru fejn ikunu l-attijiet. Imbagħad hemm l-art. 245, meta l-appell ikun minn sentenza tal-Qorti ta' Għawdex għal dil-Qorti, kif inhu dan il-każ, it-talba għall-introduzzjoni ta' l-attijiet tista' ssir bil-mod li jingħad fl-art. 243 lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri bil-ħlas stabbilit għal daqshekk miżjud żewġ terzi, u dan ir-reġistratur għandu jikkomunika dik it-talba lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex biex jibgħat l-attijiet fuq imsemmija skond l-artikolu fuq imsemmi, li jżid li r-reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex għandu, bla dewmien, jibgħat l-attijiet lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ in kwistjoni, wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġew magħmula żewġ noti ta' l-appell, waħda fejn l-appellant iddikjara li huwa qiegħed jappella min dik is-sentenza lil dina l-Qorti, u l-oħra li qiegħed jappella lill-istess Qorti ta' Għawdex kostitwita fit-Tieni istanza; dawna ġew preżentati fit-23 ta' Ottubru 1945. L-għada, fl-24 ta' Ottubru 1945, sar il-ħlas ta' 5s. għall-introduzzjoni ta' l-attijiet; dak il-ħlas jip-preżumi t-talba għall-introduzzjoni, iżda għandu jiġi magħmul fiż-żmien preskritt mill-art. 242 fuq imsemmi; diversament ikun inutili sew il-ħlas li jkun sar sew kwalunkwe talba li tkun saret, peress illi dan għandu jsir fl-istess ġurnata tal-pre-żentata tal-petizzjoni, kif ġie deċiż minn din il-Qorti in re

"Dr. Parnis vs. Cassar" fil-21 ta' Ġunju 1909 (Kollez. Vol. XX-I-229) u in re "Saċerdot Don Giuseppe Tanti vs. Vittoria Fenech" fit-22 ta' Novembru 1913. Għalhekk il-ħlas li sar fl-24 ta' Ottubru 1915 kien ineffikaċi għall-fini ta' dawk id-dispożizzjonijiet;

Tikkunsidra;

Illi fis-6 ta' Novembru 1915 giet prezentata l-petizzjoni quddiem din il-Qorti, u għalhekk dan in-nhar kellha ssir it-talba għall-introduzzjoni ta' l-atti. Ġie pruvat per mezz tax-xhieda ta' Giuseppe Bugeja, skrivan tad-difensur ta' l-appellant, illi dak in-nhar huwa talab illi l-atti jkunu introdotti quddiem din il-Qorti u kien lest biex iħallas dak li għandu jħallas, però l-iskrivan Filippo Sammut qallu li peress li kien hemm il-ħlas li kien sar Għawdex ma deherlux illi kellu jsir ħlas ieħor. Allura l-iskrivan mar għand l-avukat Dr. Filippo Buttigieg, u ma' dan l-iskrivan Sammut irrepeta l-istess diskors, u l-avukat fuq imsemmi spiċċa d-diskors bil-kliem:— "Jekk jidhirlek li hemm bżonn li jerga' jsir il-ħlas mill-ġdid aħna lesti biex nagħmlu dan". Kif irritenjet din il-Qorti fl-ewwel sentenza fuq imsemmija, "Dr. C. Parnis vs. Cassar", il-ħlas huwa meħtieġ li jsir ukoll, peress illi jekk ma jkunx hemm il-ħlas ir-Reġistratur ma jkunx jista' jieħu l-passi meħtieġa għall-introduzzjoni ta' l-atti; iżda f'dan il-każ, tajjeb jew ħażin, anzi ħażin, għaliex ir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex ma kellux jagħti l-attijiet wara dak il-ħlas tal-24 ta' Novembru 1915 qabel il-prezentata tal-petizzjoni, għaliex preċiżament huwa assurd illi jiġu introdotti atti qabel ma jkun hemm l-appell effettiv, iżda fil-fatt dawk l-atti ġew mibgħuta lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri fis-27 ta' Ottubru 1915, u għalhekk, *kif anki jirriżulta mix-xhieda ta' Giuseppe Bugeja*, meta huwa, għan-nom ta' l-appellant, għamel it-talba għall-introduzzjoni ta' dawk l-atti, dawn kienu f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri, u kienu f'din il-Qorti, u għalhekk in-nuqqas tal-ħlas, għalkemm irid isir dejjem, ma setax kellu l-effett li jimpedixxi l-kors ta' l-affarijiet, u jġib in-nuqqas ta' l-introduzzjoni ta' l-atti quddiem din il-Qorti, kaz li ġie previdut minn din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija "Dr. Parnis vs

Cassar" fis-sens illi jekk ma jsirx il-ħlas l-atti ma jkunux jistgħu jiġu introdotti;

Tikkunsidra;

Illi fil-fol. 71 tergo hemm speċi ta' dikjarazzjoni fis-sens illi l-atti ġew introdotti fit-23 ta' Ottubru 1945; apparti li dik id-dikjarazzjoni ma hijiex legali u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi prova, għax lanqas ma hija firmata mir-Reġistratur, fiha nfisha hija inattendibili għaliex l-ewwelnett il-ħlas Għawdex sar fl-24 ta' Ottubru u mhux fit-23 ta' l-istess xahar, u t-tieni għaliex jirriżulta ili l-atti ġew Malta fit-28 ta' Ottubru 1945. Imbagħad, hi x'inhi dik id-dikjarazzjoni, ġie ritenut minn din il-Qorti in re "Darmanin vs. Mirabelli" fit-22 ta' Frar 1878 (Kollez. Vol. VIII, p. 452), illi anki jekk ikun hemm żball f'dik id-dikjarazzjoni, ma jistax iġib ebda nullità, għaliex "la detta dichiarazione è superflua e non prescritta dalla legge, la quale solamente impone l'obligo della trasmissione degli atti al registratore della Corte di Appello di Sua Maestà";

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, la darba fil-ġurnata li ġiet preżentata l-petizzjoni rriżulta, mingħajr dubju, li kien hemm it-talba lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għall-introduzzjoni ta' l-atti, u li dawk ġew effettivament introdotti, in-nuqqas tal-ħlas ma jistax iġib ebda nullità, sew għaliex il-liġi trid l-introduzzjoni u l-ħlas biex tista' ssir l-introduzzjoni, sew għaliex f'dan il-każ, kif intqal iżjed 'il fuq, ir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex ta kors għall-introduzzjoni, u għalhekk, meta saret dik it-talba fis-6 ta' Novembru 1945, l-atti, li kienu materjalment fir-Reġistru mit-28 ta' Ottubru ta' qabel, daħlu legalment skond id-dispożizzjoni tal-liġi quddiem din il-Qorti. Każ bħal dan, fejn it-talba għall-introdużżjoni kienet saret fl-istess ġurnata tal-petizzjoni u l-atti debitament introdotti dik il-ġurnata, mentri l-ħlas sar żmien wara, ġie eżaminat minn dina l-Qorti in re "Brincat vs. Mizzi" fis-27 ta' April 1934 (Kollez. Vol. XXVIII-I-578), u ġie stabbilit illi għalkemm il-ħlas sar wara, l-atti mhumiex vizzjati, la darba l-introduzzjoni u t-talba saru skond il-liġi. Il-każ ċitat mill-appellat, "Don Giusep-

pe Tanti vs. Fenech", kien divers, għaliex tant il-ħlas għall-introduzzjoni, u għalhekk it-talba għalhekk preżunta, u l-introduzzjoni ta' l-attijiet, kienu saru qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni ta' l-appell, ħaġa li hija projbita mill-liġi, u loġikament assurda, għaliex la darba ma hemmx l-appell effettiv per mezz tal-petizzjoni jew ċitazzjoni, l-atti ma għandhomx ikunu introdotti quddiem Qorti fejn ma għandha quddiemha l-ebda appell; u mbagħad f'dik is-sentenza, fil-ġurnata importanti preveduta mill-art. 242 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma kien sar xejn, u ma hemm l-ebda notament minn fejn seta' jkun deżunt li dak in-nhar saret xi reiterazzjoni tat-talba kif preċiżament sar f'dan il-każ bil-kliem fil-petizzjoni "introduzzjoni mħallsa Għawdex";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-introduzzjoni ta' l-attijiet, b'dan però illi fi żmien sitt ijiem l-appellant għandu jħallas f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri d-dritt stabbilit mill-art. 245 tal-Kodiċi *tal-Proċedura* Ċivili, dritt għall-introduzzjoni ta' l-atti mill-Qorti ta' Għawdex; u tordna illi in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż ta' dan l-inċident ma għandhomx ikunu taxxati bejn il-partijiet.